**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LII**
**Appell Nru: 7/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**JAMES BORG**

**Illum, 25 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra James Borg talli fis-17 ta'Settembru, 2000, ghal habta tas-2.45 a.m., f'Regional Road, Msida :

1. Saq, jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAS 234 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi ;
**2.** Saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kien ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm u fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt ;
**3.** Saq l-imsemmija vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAS 234 b'giri aktar milli jmissu ;
**4.** Saq l-imsemmija vettura b'manjera traskurata ;
**5.** Saq l-imsemmija vettura b'manjera perikoluza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 9 ta'Jannar, 2001, li biha ddikjarat procediment ezawrit ghar-rigward it-tielet akkuza minhabba preskrizzjoni, filwaqt li ghar-rigward l-akkuzi kollha l-ohra, stante li hasset li dawn ma kienux gew ipprovati b'mod sodisfacenti, ma sabetx lill-James Borg hati taghhom u ghalhekk illiberatu minn dawn l-akkuzi.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 22 ta'Jannar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tibdel u timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn James Borg gie liberat mit-tielet, raba w hames akkuzi, thassarha w tirrevokaha fil-bqija, cioe' fl-ewwel w it-tieni akkuzi, u, minflok, wara li jinstemghu l-provi, issib u tiddikjara htija f'James Borg f'dawn l-ewwel zewg akkuzi, u tinfliggi fuqu l-piena skond il-ligi, inkluza l-iskwalifika temporanja tal-licenzji tieghu tas-sewqan.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti semghet lix-xhieda kollha mil-gdid sabiex tara jekk in bazi ta' din ix-xhieda, li hi ghandha ragjonevolment tahseb li kienet l-istess xhieda li instemghet mill-ewwel Qorti, setghetx dik il-Qorti ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjonijiet li fil-fatt wasslet ghalihom.

Din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li mill-provi li nstemghu ma jirrizultax b'mod car jew sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-appellat James Borg li kien qed isuq il-vettura JAS-234, kif ukoll ma giex sufficcjentement ipprovat skond il-ligi li kellu b'xi mod il-kontroll ta' dik il-vettura. Kull ma gie ppruvat hu li l-livell ta' alkohol fl-appellat Borg kien aktar minn dak preskritt mil-ligi, pero', kif inghad, ma giex ippruvat li hu kien qed isuq il-vettura in kwistjoni, jew ipprova jsuqha, jew kellu l-kontroll fuqha, waqt li kien f'dak l-istat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li qed tirrespingi l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali, qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur